# XI ATTIVITAJIET TAL-GHAQDA TAL-FOLKLOR

Fl-Imnara Nru 7, (Vol 2 Nru 2) kienu dehru it-tifsiriet u l-istampi ta' tletin inkwatru mpingijin minn Guido Lanfranco li juru episodji tal-Folklor Malti. Dawn kienu saru wirja fil-Muzew Nazzjonali tal-Arkejologija, il-Belt, mis-17 sa l-24 ta' Settembru 1983. Tqassmet ukoll leaflet dwarha, li qed tigi inkluza wkoll f'dan in-numru ta' L-Imnara.

Hamsa u ghoxrin minn dawn l-inkwatri iffurmaw parti minn wirja ohra li saret f'Ottubru 1983, taht l-awspici tal-Ghaqda tal-Folklor, bhala mistiedna tal-Hobbies Society. Il-wirja saret fis-sede tal-Hobbies Society, 102 Triq id-Duluri, Il-Hamrun. Ghal din il-wirja ukoll tqassmet 'leaflet', li kop ja taghha qed tidher f'dan in-numru ta' L-Imnara.

Dawn l-inkwatri li dehru f'dan il-wirjiet, intwerew ukoll fl-ahbarijie t tat-televizjoni u r-radju lokali.

Fil-programm tar-radju lokali, "Arti Madwarna" is-Sur Guido Lanfranco gie intervistat minn Carmen Caccopardo Mariani dwar il-wirja ta' Settembru msemmija hawn fuq, f'Settembru 22.

Fit-30 ta' Novembru,1983, fis-serje "Ghaqdiet Voluntari Maltin", b'ripetizzjoni fit-2 ta' Dicembru, Is-Sur Guido Lanffanco gie intervistat minn Josette Von Brockdorff dwar l-Ghaqda tal-Folklor u l-attivitajiet taghha.

Fit-13 ta' Marzu, 1984 Guido Lanfranco ghamel tahdita bit-taljan lill-istudenti taljani li zaru Malta taht skema ta' bdil bejn studenti Maltin u Tal jani fin-New Lyceum,Msida, dwar il-folklor Malti mqabbel.. ma'dak Taljan.

Hemm il-hsieb li jsiru wirjiet ohrajn f'qasir zmien. Tahdita li kellha ssir dwar Medicina Popolari fl-Imghdddi Ghall-Kura tat-Tfal, giet imhollija ghas-sena d-diehla wara li ma setghetx issir f'Ottubru 1983.

Jekk ikun hemm xi hadd li jista jitkellem dwar xi aspett folkloristiku, ghandu javvicina lis-segretarja.